# L-Istatwa Titulari ta' Marija Addolorata

## *Sultana tal-Martri*

## *Storja u Tagħrif fuq ir-Restawr*

Tagħrif miġbur minn **Keith Muscat**

Kienet ilha tinħass il-ħtieġa li l-istatwa titulari ta' Marija Addolorata tintbagħat għar-restawr, għax l-isfumar fl-induratura kien dejjem qed isir aktar evidenti. Għalhekk, propju fl-okkażjoni taċ-ċentinarju minn mindu l-Knisja ta' Marija Addolorata ġiet elevata għall-Parroċċa, il-Kappillan Fr Joe Scerri OFM Conv., flimkien ma' nies oħra li jgħinuh ħa l-inizjattiva biex isir ix-xogħol neċessarju u meħtieġ fuq din l-istatwa, li hija ġawhra f'qalbna l-Pawlini.

Qabel nikteb fuq l-intervent li sar fuq l-istatwa, xtaqt nagħti ftit informazzjoni storika, sabiex nifhmu aħjar fuq x'hiex qed nitkellmu.

### Storja ta' l-Istatwa Titulari

Ftit li xejn teżisti dokumentazzjoni fuq l-istatwa titulari ma Marija Addolorata, meqjuma fil-parroċċa ta' San Pawl il-Baħar. Sa qabel l-1979, ħafna kienu jaħsbu u jsostnu li l-istatwa titulari kienet xogħol l-istatwarju Karlu Darmanin. Fis-sajf tal-1979, waqt li Fr Joe Cilia u Patri Dumik Bonello kienu qed jarmaw il-knisja fil-ġimgħa tal-festa, daħal is-Sur Mikiel Bonello minn Ħal Qormi, li sostna li l-istatwa titulari kienet xogħol ta' Karmnu Mallia mlaqqam il-Lhudi minn Ħal Qormi. Biex tissaħħaħ l-evidenza u jintefa' aktar dawl fuq min tassew kien l-istatwarju, is-Sur Mikiel Bonello ġab konferma ta' dak li kien qiegħed jgħid mingħand is-Sinjura Ċetta Cutajar, li tiġi t-tifla ta' Karmnu Mallia. Kif ukoll mingħand Mikelina Mallia minn H'Attard li tiġi l-mara tat-tifel ta' Mallia, u kellem lis-seftura li kellu Mallia, Tereża Camilleri li kienet rikoverata l-Ingieret.

Konferma oħra ta' dan ingħatat mis-Sinjura Ġużeppa Micallef, minn San Pawl il-Baħar, meta f'intervista li saritilha minn Fr Joe Cilia, fil-Librerija Louis Cutajar, nhar it-Tlieta, 11 ta' Marzu 1980, kkonfermat li l-istatwa saret minn Karmnu Mallia fi żmien il-Kappillan P Ben. Ġużeppi Cauchi bejn l-1911 u l-1926. Hi kompliet iżżid li l-istatwa kienet inġiebet minn Ħal Qormi minn Ġanni Grima tad-Doqdi, bil-karozzin tiegħu. Il-karozzin kien tneħħielu ċ-ċelu u l-istatwa żammewha erba' rġiel, fosthom il-Lhudi.

Jista' jkun li l-abbozz ta' l-istatwa sar minn Karlu Darmanin, għax Mallia kien studja għandu u meta Darmanin miet fl-1909, kien ħa xi abbozzi u forom mill-bottega tiegħu. L-istatwa, meta saret, kellha magħha anġlu mdaqqas fuq in-naħa tal-lemin, li f'idejh il-leminija tpoġġiet kuruna tax-xewk, filwaqt li fix-xellugija kien iżomm tliet imsiemer. L-istatwa kellha

wkoll xi induratura. Il-qalb minn Fortunato Mizzi fl-1905 u fis-17 ta' Diċembru 1918, l-istess Fortunato Mizzi u Emmanuel Camilleri irregalaw l-istellarju.



## Modifikazzjoni fl-Istatwa

Fl-aħħar snin tal-parrokat tal-Kappillan P Antonio Formosa Kerr (1914-1935), ittieħdet deċiżjoni li jsiru xi alterazzjonijiet. L-anġlu li kien ma' l-istatwa tneħħa, u ġiet graffjata minn Wistin Camilleri minn Għawdex. L-istess Camilleri ħadem erba' puttini, li tpoġġew fuq il-bradella. Is-simboli li kien iżomm f'idejh l-anġlu, jiġifieri l-kuruna tax-xewk u l-imsiemer tpoġġew f'idejn il-puttini u żdiedu l-palma u l-ġilju. L-induratura ta' l-istatwa saret l-Imdina. Meta tlestiet minn kollox, twasslet sa Burmarrad fejn iddaħħlet għand Ġanni Agius ta' Kebbes. Wara nġabet fil-Knisja Parrokkjali akkumpanjata mill-Banda La Vittoria tal-Mellieħa.

## Xogħlijiet Oħra

Fl-1967 saru l-forċini. Il-bradella u l-bankun li naraw illum, huma magħmula mill-injam tal-ġewż, u ġew maħduma mis-Sur Carmelo Mangion tal-Ħamrun. L-iskultura hi disinn u xogħol tas-Sur Salv Bugeja minn tas-Sliema. Fi tmien panewijiet żgħar, mad-dawra tal-bankun, insibu ħafna ornamenti u erba' puttini, flimkien mas-simboli tas-Sultana tal-Martri, Sultana tal-Verġni, Parroċċa OFM Conv, Wellidna fi Kristu, Faraġ ta' l-Imnikktin, Saħħa tal-Morda, Omm il-Maltin u Omm il-Knisja. Il-panewijiet il-kbar li huma erbgħa, wieħed fuq kull naħa tal-bankun, huma disinn u xogħol tas-Sur Joseph Seguna mir-Rabat, Għawdex. Dawn juru lill-Madonna bħala Sultana tal-Martri (fuq quddiem), San Pawl il-Baħar taħt il-ħarsien tagħha (wara), Xmun iħabbar is-sejf tad-dulur (fuq naħa) u Marija Ommna (fuq il-ġenb l-ieħor). Il-bankun u l-bradella żżanżnu għall-festa tal-1985. Sena wara tlestiet l-iskultura kollha u għall-festa tal-1987 kienu lesti wkoll il-panewijiet il-kbar. Ta' min isemmi wkoll li l-pedestall kien indurat mill-ġdid mis-Sur Publius Magro tal-Floriana u tlesta għall-festa tal-1985.

## Ir-Restawr fuq l-Istatwa

Meta ġie deċiż li l-istatwa tiġi restawrata għall-okkażjoni ċentinarja, l-għażla biex dan ix-xogħol jitwettaq waqgħet fuq is-Sur John Orlando (induratur) u s-Sur Renzo Gauci (artist), it-tnejn minn Ħal Tarxien. Dawn iż-żewġ sinjuri ma għandhom bżonn ta' ebda intoduzzjoni ma' min tinteressah l-arti sagra, però ħsibt li ngħidu xi ħaġa żgħira fuqhom biex insiru nafuhom aħjar.

## Profil – Renzo Gauci

It-Tarxiniż, Renzo Gauci twieled fl-1959 u l-ġibda lejn l-arti fih dehret sa minn ċkunitu. Meta kien tfajjel kien iħobb jonqox il-ġebel fil-ġnien tad-dar ta' ommu, sinjal ċar li l-iskultura

kienet minn dejjem passjoni tiegħu. Fil-passiġġati li kien jagħmel mal-familja fit-triq lejn Ħal Luqa, kien jogħxa josserva l-iskultura tal-fdalijiet tat-Teatru Rjal, li kienu f'għalqa qrib il-Knisja ta' San Ġakbu. Bħala student fil-Kulleġġ De la Salle, Renzo kellhu bħala għalliem ta l-arti lil Karmenu Schembri. Meta missieru, li kien ukoll bniedem tas-sengħa, ra l-ġibda li Renzo kellu għall-iskultura xtralu sett sgorbji u kif spiċċa mill-iskola beda jaħdem bħala skultur fl-injam ma' diversi mgħallin. Renzo Gauci attenda għal taħriġ fid-disinn u mudellatura fl-Iskola ta l-Arti. Fl-1985 għamel kors ta' diploma fl-Iskola ta' l-Arti, l-Belt Valletta, taħt il-gwida ta' Joseph Cassar. Ha wkoll taħriġ fid-disinn mingħand Johnny Pace, artist minn Ħal Tarxien. Gauci beda jagħmel l-iskultura u x-xogħol fil-kartapesta u ż-żebgħa taż-żejt. Ix-xogħlijiet tiegħu huma mifruxin madwar Malta, kif ukoll barra minn xtutna. Ta min isemmi statwa ta l-injam li tirrappreżenta l-Annunzjata, li ġiet mogħtija bħala rigal lil QT il-Papa Ġwanni Pawlu II. Fix-xogħol tiegħu ta' statwi tal-kartapesta, Renzo jaspira ruħu mill-iskultur Karlu Darmanin, filwaqt li fid-disinn u l-iskultura fl-injam jispira ruħu minn Manwel Buħagiar. Renzo Gauci jaħdem bħala artist professjonali, fl-istudjo li għandu f'Ħal Tarxien.

## Profil – John Orlando

John Orlando twieled nhar id-29 ta April 1969 f'Raħal Ġdid, iżda ta' eta żgħira il-familja tiegħu marru joqogħdu Ħal Tarxien. L-interess fih lejn l-induratura u r-restawr nibet fih meta kien abbati fil-parroċċa ta Ħal Tarxien. Huwa attenda l-iskola Liċeo Vassallo (Ħandaq) u fl-1989 kiseb scholarship mogħti mill-Gvern Taljan. Huwa mar f'Palazzo Spinellli (Firenze), fejn studja l-bażi tar-restawr fl-induratura. Hu kien diġà beda jagħmel xi xogħol ta dilettant, speċjalment fir-raħal fejn jgħix u restawr u ndoratura fuq il-gallarija ta l-orgni tal-Knisja ta' San Bert (Ħal Tarxien). Fost xogħlijiet importanti li għamel insibu r-restawr li wettaq fuq gradenza unika (Bombè) li tinsab fil-Mużew tal-Fine Arts u fuq mejda ta' l-epoka tal-Gran Mastru Pinto, li tinsab fil-Palazz tal-President, fil-Belt Valletta. Huwa kellhu sehem ukoll fir-restawr tal-parti ta' fuq tal-pittura ta' Caravaggio li tinsab fil-Kon-katdral ta' San Ġwann. Huwa għamel ir-restawr u ridekorazzjoni ta l-istatwa tal-Madonna tad-Duttrina (xogħol ta' Ġilormu Darmanin – Knisja Parrokkjali Tarxien) u bosta xogħlijiet oħra. John Orlando jaħdem fl-isudjo li għandu f'Ħal Tarxien.

## Intervista

Dawn is-Sinjuri kkonċedewli ntervista li fiha spjegawli x-xogħol li twettaq fuq l-istatwa titulari.

Is-Sinjuri Orlando u Gauci spjegawli kif f'Settembru ġew avviċinati mill-Kappillan Fr Joe Xerri OFM Cov. u ġew jaraw l-istatwa fil-Knisja Parrokkjali. Fil-bidu ta' Ottubru Orlandu u Gauci bagħtu r-rapport tagħhom lill-Kappillan. Huma nnutaw li l-istatwa ma kelliex ħsararat strutturali. Il-bażi tal-ġibs li fuqha hemm l-induratura kienet fi stat relattivament tajjeb ukoll. L-induratura fil-basso-riliev tal-bordura tal-mant kienet telqet kollha u riedet issir mill-ġdid. L-induratur ippropona li l-bordura tiġi ndurata kollha mill-ġdid ħalli d-dehra ġenerali tkun waħda isbaħ. Il-ħsara ġiet ikkawżata minn żewġ aspetti primarji; il-ġojjellerija (il-qalb u oġġetti oħra f'idejn l-istatwa) li kontinwament tħokk ma l-sitatwa meta din tinħareġ proċessjonalment, u l-effett li ħallew l-idejn tan-nies li kienu jarmaw u jżarmaw l-istatwa tul is-snin qabel saret in-niċċa li llum tinsab fiha. Orlando nnota wkoll li l-verniċ (shellac) kien skura biż-żmien u bil-ħmieġ, u b'effett ta dan kemm iż-żebgħa taż-żejt, kif ukoll l-induratura ħadu kulur ħadrani. Gauci osserva li l-karnaġġjon kien fi stat ħażin ħafna ta' konservazzjoni



u li ż-żebgħa kienet ixxuttat u l-bażi biss tal-kulur kien għadhu jidher. Huwa ta l-parir li l-karnaġġjon jitpitter mill-ġdid. L-erba' anġli li hemm mal-vara kellhom bżonn ta restarw, indurar u żebgħa.

F'Novembru l-istatwa nġarret b'attenzjoni kbira mill-Knisja Parrokjali għall-istudo ta' John Orlando, f'Ħal Tarxien.

## Kif Twettaq ix-Xogħol

Kien propju fid-19 ta' Novembru 2004 li John Orlando u Renzo Gauci ltaqgħu biex ifasslu l-programm ta' xogħol li kellhu jitwettaq. L-ewwel ma beda l-ħidma fuq l-istatwa kien l-induratur, li spjegali kif mill-provi li wettaq fuq il-kuluri kollha tal-mant, kellu l-konferma ta' dak li kien diġà qal fir-rapport. Minn taħt il-verniċ li kien ossidat u jagħti dehra ħadranija, beda ħiereġ il-kulur blu oriġinali. B'paċenzja kbira, Orlando uża t-teknika tal-impakk biex qala l-verniċ u l-ħmieġ. Hekk inkixef il-kulur blu oriġinali li bih inżebgħet l-istatwa li hu sabiħ immens u partikolari fid-dehra tiegħu. Apparti l-ħsara li diġà semmejna (fil-basso-riliev tal-bordura tal-mant u t-torso) l-induratura kienet fi stat tajjeb.

Ir-restawraturi proponew li l-isfumatura tat-truf tal-mant tiġi alterata peress li kienet qed tneħħi l-effett tal-basso-rilliev. Din il-proposta ġiet aċċettata u saret l-alterazzjoni b'metodu mbornut. John Orlando kompla bl-induratura fuq il-kmiem u l-istar. Wara beda x-xogħol metikoluż tat-taħlit taż-żebgħa biex taqbel ma dik antika. Wara li kien sodisfatt miż-żebgħa ingħata l-verniċ, għall-protezzjoni, fuq kollox. Il-verniċ li uża ma jossidax.

Wara li tlesta dan ix-xogħol, l-istatwa ttieħdet fl-istodio ta Renzo Gauci għax-xogħol fuq il-karnaġġjon. L-istatwa kienet ippreparata biex titpitter mill-ġdid. Gauci spjegali kif il-wiċċ ġie rfinut u l-karnaġġjon sar b'attenzjoni kbira, minħabba r-rifless ta l-induratura tad-deheb fl-istar u fil-mant. L-artist aċċentwa wkoll l-għajnejn li huma li huma ċ-ċentru ta l-attenzjoni għal min iħares lejn l-istatwa. Minħabba n-natura tas-suġġett, l-artist ħoloq bilanċ bejn il-glorjuż u d-doloruż. Wara li tpitter il-karnaġġjon, sar xogħol ta' sfumar fuq il-blata ta' taħt l-istatwa.

Huma proponew li l-ġojjellerija tiġi modifikata biex ma ssirx ħsara fl-istatwa. Mudell ta jdejn l-istatwa ittieħed għand id-ditta Vascas li wettqet il-modifikazzjoni fuq il-qalb u l-ġojjellerija.

## L-Anġli

L-erba' anġli, xogħol ta Wistin Camilleri, li jdawwru l-istatwa kellhom ħsara strutturali. Waqt il-proċess tar-restawr reġgħu inħarġu l-iswaba oriġinali ta l-iskultur. Sar xogħol fuq il-karnaġġjon kif ukoll fuq il-ġwienaħ li se jiġu ndurati mill-ġdid. Dan ir-restawr se jwassal biex tingħata dehera omoġenika, jiġifieri l-istatwa, l-anġli u l-pedestall jkun fihom uniformita.

Orlando u Gauci spjegawli kif il-materjal kollhu li ntuża fil-proċess tar-restawr huwa riversibbli. Dan ix-xogħol setgħa jitwettaq bid-donazzjonijiet ta diversi benefatturi u ġbir ieħor li sar.

## Il-Wasla ta' l-Istatwa

Il-Pawlini bdew jistennew bil-ħerqa l-jum tat-13 ta' Marzu 2005, il-ġurnata li fiha kienet se tasal lura l-vara mir-restawr. Folla mdaqqsa nġabret fi Triq il-Mosta, ħdejn il-maħżen ta' Azzopardi Fisheries, li fih tpoġġiet l-istatwa. Malli beda jitbexxaq il-bieb, u nstemgħu l-ewwel noti tal-Banda San Pawl li akkumpanjat il-proċessjoni, kulħadd siket f'antiċipazzjoni. Merfugħa fuq spallejn il-Pawlini, deheret ħierġa is-Sultana tal-Martri. L-imrieżaq tax-xemx f'inżulha mellsu l-induratura u lbies il-Madonna deher jiddi bħax-xemx. Kienet xena li emozzjonat lil dawk preżenti. Il-folla miġbura nfexxet f'ċapċip kbir. Tul il-purċissjoni, li għaddiet minn Triq il-Mosta u Triq San Pawl (sal-Knisja), dawk miġbura ma qatgħux iħarsu lejn l-istatwa u jammiraw ix-xogħol tassew sabiħ li twettaq minn Orlando u Gauci. Ir-reffiegħa, lebsin flokkijiet għall-okkażjoni, alteraw bejniethom tul it-triq. Kienet festa tassew ħelwa, li żgur se tibqa' f'moħħ dawk li għexuha.

Il-vara ddaħħlet lura fil-Knisja fejn ġiet kkonċelebrata quddiesa għall-okkażjoni.

Great MEALS
TAKE AWAY
109, St. Simon Street, Bugibba Tel: 21578012
E-mail: grtmeals@maltanet.net

BELMAR BAR
*Tonio Calleja*
Ħalel Road, Buġibba
Tel: 21572307 Mob: 99229466